KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 27.7.2006
KUMM(2006) 422 finali

2006/0141 (CNS)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

rigward l-iffirmar tal-Ftehim dwar il-Kooperazzjoni Xjentifika u Teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Korea

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

rigward il-konklużjoni tal-Ftehim dwar il-Kooperazzjoni Xjentifika u Teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Korea

(preżentati mill-Kummissjoni)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. Il-Komunità u r-Repubblika tal-Korea (minn hawn 'il quddiem "il-Korea") għandhom prijoritajiet simili fir-riċerka, bħalma huma x-xjenzi u t-teknoloġiji tal-ħajja, it-teknoloġiji u t-telekomunikazzjonijiet tas-soċjetà ta' l-informatika, it-teknoloġiji industrijali u tal-materjali, l-iżvilupp sostenibbli, is-sorsi ta' l-enerġija li tiġġedded, is-satelliti, l-osservazzjoni tad-Dinja, eċċ., u wkoll huma t-tnejn membri ta' l-ITER, ir-Reattur Termonukleari Sperimentali Internazzjonali.

2. Il-Korea hija wkoll kommessa li ssaħħaħ il-bażi tar-riċerka tagħha, u kull sena tinvesti kważi 3% tal-PGD tagħha f'dan il-qasam[1]. Għaldaqstant, il-Korea hija sieħba importanti ħafna li l-Ewropa għandha tikkoopera magħha fil-qasam tax-xjenza u t-teknoloġija.

3. Fid-dawl ta' l-importanza tax-xjenza u t-teknoloġija għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali fl-Ewropa u l-Korea, iż-żewġ partijiet esprimew ix-xewqa li jsaħħu u jintensifikaw il-kooperazzjoni tagħhom fl-oqsma ta' interess komuni.

   – F'Mejju 2003, waqt il-laqgħa tiegħu mas-Sur Busquin fi Brussell, il-Ministru Korean tax-Xjenza, is-Sur Park, esprima x-xewqa tal-Korea li tinnegozja ftehim ta' kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika biex tittejjeb u tissaħħaħ il-kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika.

   – F'Ottubru 2003, il-Missjoni Koreana lill-Unjoni Ewropea uffiċjalment għarrfet lis-servizzi tal-Kummissjoni bix-xewqa tal-Korea li tiftaħ in-negozjati dwar ftehim ta' kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika.

   – Fis-7 ta' Marzu 2005, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tinnegozja Ftehim dwar il-kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u l-Korea. L-eżitu tan-negozjati kien il-ftehim anness, li ġie inizjalat fil-21 ta' Diċembru 2005.

4. Il-Ftehim huwa msejjes fuq il-prinċipji tal-benefiċċju reċiproku, l-opportunitajiet reċiproċi ta' aċċess għall-programmi u l-attivitajiet ta' xulxin li jkunu rilevanti għall-għan tal-Ftehim, il-ħelsien mid-diskriminazzjoni, il-protezzjoni effettiva tal-proprjetà intellettwali u l-qsim ekwu tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali.

5. Għandu jiġi konkluż għal perjodu inizjali ta' ħames snin, u jiġġedded impliċitament, suġġett għar-rakkomandazzjoni ta' evalwazzjoni esterna indipendenti li għandha ssir fis-sena ta' qabel ta' l-aħħar ta' kull perjodu suċċessiv ta' ħames snin.

[1] L-investiment tal-Korea fir-Riċerka u l-Iżvilupp (2002): 2.91% tal-PGD, EUR 15-il biljun

6. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet imsemmija hawn fuq, il-Kummissjoni tipproponi li l-Kunsill:

– F'isem il-Komunità Ewropea, japprova d-Deċiżjoni dwar l-iffirmar, u, wara li jikkonsulta lill-Parlament Ewropew,

– Japprova d-Deċiżjoni rigward il-konklużjoni tal-Ftehim dwar il-Kooperazzjoni Xjentifika u Teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Korea.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

rigward l-iffirmar tal-Ftehim dwar il-Kooperazzjoni Xjentifika u Teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Korea

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 170 flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni[2],

Billi:

(1) Bid-Deċiżjoni tiegħu tas-7 ta' Marzu 2005, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tinnegozja mar-Repubblika tal-Korea Ftehim dwar il-kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u l-Korea.

(2) F'isem il-Komunità, il-Kummissjoni nnegozjat Ftehim mar-Repubblika tal-Korea skond id-direttivi fl-Anness mad-Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Kummissjoni tinnegozja Ftehim ta' kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika.

(3) L-eżitu tan-negozjati kien il-ftehim anness, li ġie inizjalat fil-21 ta' Diċembru 2005.

(4) Jeħtieġ li jiġi ffirmat il-Ftehim innegozjat mill-Kummissjoni bil-ħsieb tal-konklużjoni possibbli tiegħu f'data aktar tard.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu Uniku

Suġġett għall-possibilità tal-konklużjoni tal-Ftehim f'data futura, il-President tal-Kunsill hawnhekk qiegħed jiġi awtorizzat jinnomina l-persuna jew il-persuni awtorizzata/i li f'isem il-Komunità Ewropea tiffirma/jiffirmaw il-Ftehim dwar il-kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u l-Korea.

It-test tal-Ftehim huwa anness ma' din id-Deċiżjoni.

[2] ĠU C [...], [...], p. [...].

Magħmula fi Brussell, […]

Għall-Kunsill
Il-President
[…]

2006/0141 (CNS)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

rigward il-konklużjoni tal-Ftehim dwar il-Kooperazzjoni Xjentifika u Teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Korea

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 170, flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-ewwel sottoparagrafu ta' l-Artikolu 300(2), u l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni[3],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew[4],

Billi:

(1) Il-Ftehim ġie ffirmat f'isem il-Komunità fi .... suġġett għall-possibbiltà tal-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard, f'konformità mad-Deċiżjoni .../.../KE tal-Kunsill fi ....;

(2) Il-Ftehim għandu jiġi approvat,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Ftehim dwar kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Korea b'dan qed jiġi approvat f'isem il-Komunità.

It-test tal-Ftehim huwa anness ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu, filwaqt li jaġixxi f'isem il-Komunità, joħroġ in-notifika li hemm provvediment dwarha fl-Artikolu 12(1) tal-Ftehim.

---

3 ĠU C [...], [...], p. [...].
4 ĠU C [...], [...], p. [...].

Magħmula fi Brussell, […]

Għall-Kunsill
Il-President
[…]

ANNESS

Ftehim dwar il-Kooperazzjoni Xjentifika u Teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika tal-Korea

Il-Komunità Ewropea (minn hawn 'il quddiem "il-Komunità") u l-Gvern tar-Repubblika tal-Korea (minn hawn 'il quddiem "il-Korea"), minn hawn 'il quddiem imsemmija flimkien "il-Partijiet";

BILLI l-Komunità u l-Korea qed jaħdmu fuq ir-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u l-attivitajiet ta' dimostrazzjoni f'għadd ta' oqsma ta' interess komuni, u konxji ta' l-espansjoni rapida ta' l-għarfien xjentifiku u l-kontribut pożittiv ta' dan ta' l-aħħar fil-promozzjoni tal-kooperazzjoni bilaterali u internazzjonali;

XEWQANA li jwessgħu l-ambitu tal-kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika f'għadd ta' oqsma ta' interess komuni permezz tal-ħolqien ta' sħubija produttiva għal finijiet paċifiċi u benefiċċji reċiproċi;

FILWAQT LI JINNUTAW li kooperazzjoni bħal din u l-applikazzjoni tar-riżultati tagħha sejrin jagħtu kontribut għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali tal-Partijiet; kif ukoll

XEWQANA li jistabbilixxu qafas formali biex jimplimentaw l-attivitajiet globali ta' kooperazzjoni li sejrin isaħħu l-kooperazzjoni bejn il-Partijiet fix-"xjenza u t-teknoloġija";

FTIEHMU KIF ĠEJ:

Artikolu 1 – L-Għan u l-Prinċipji

1. Il-Partijiet għandhom jinkoraġġixxu, jiżviluppaw u jiffaċilitaw attivitajiet ta' kooperazzjoni taħt dan il-Ftehim fl-oqsma tax-xjenza u t-teknoloġija għal finijiet paċifiċi, f'konformità ma' dan il-ftehim u l-liġijiet u r-regolamenti taż-żewġ Partijiet.

2. L-attivitajiet ta' kooperazzjoni taħt dan il-Ftehim għandhom isiru abbażi tal-prinċipji li ġejjin:

   (a) Kontributi u benefiċċji reċiproċi u ekwi;

   (b) Aċċess reċiproku għall-programmi, il-proġetti u l-faċilitajiet tar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku ta' kull Parti min-naħa ta' riċerkaturi viżitanti tal-Parti l-oħra;

   (c) L-iskambju f'waqtu ta' informazzjoni li tista' tikkonċerna l-attivitajiet ta' kooperazzjoni;

   (d) Il-promozzjoni ta' soċjetà msejsa fuq l-għarfien għall-benefiċċju ta' l-iżvilupp ekonomiku u soċjali tal-Partijiet; kif ukoll

   (e) Il-protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali skond l-Anness II ta' dan il-Ftehim.

Artikolu 2 - Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, l-espressjoni

1. "attivitajiet ta' kooperazzjoni diretta" tfisser attivitajiet ta' kooperazzjoni diretta bejn il-Partijiet

2. "attivitajiet ta' kooperazzjoni indiretta" tfisser attivitajiet bejn entitajiet legali stabbiliti fil-Korea u fil-Komunità permezz tal-parteċipazzjoni ta' entitajiet legali Koreani fil-Programm ta' Qafas tal-Komunità skond l-Artikolu 166 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea (minn hawn 'il quddiem "il-Programm ta' Qafas") u l-parteċipazzjoni reċiproka ta' l-entitajiet leagli stabbiliti fil-Komunità fi programmi jew proġetti Koreani ta' riċerka f'oqsma tax-xjenza u t-teknoloġija simili għal dawk koperti mill-Programm ta' Qafas;

3. "attivitajiet ta' kooperazzjoni" tinkludi sew attivitajiet diretti kif ukoll indiretti;

4. "entità legali" tfisser kwalunkwe persuna naturali jew ġuridika maħluqa skond il-liġi nazzjonali tal-post ta' l-istabbiliment tagħha jew skond il-liġi Komunitarja, b'personalità legali u intitolata għal drittijiet u suġġetta għal obbligi ta' kwalunkwe tip f'isimha stess;

Artikolu 3 – Attivitajiet ta' kooperazzjoni

1. L-azzjonijiet ta' kooperazzjoni diretta taħt dan il-Ftehim jistgħu jinkludu:

   (a) Laqgħat ta' suriet differenti, inklużi dawk bejn esperti, għad-diskussjoni u l-iskambju ta' l-informazzjoni dwar suġġetti xjentifiċi u teknoloġiċi ta' natura ġenerali jew speċifika, u għall-identifikazzjoni ta' proġetti u programmi ta' riċerka u żvilupp li jistgħu jsiru abbażi ta' kooperazzjoni;

   (b) L-iskambju ta' informazzjoni dwar attivitajiet, politiki, prattiki, liġijiet u regolamenti dwar ir-riċerka u l-iżvilupp;

   (c) Żjajjar u skambji ta' xjenzati, staff tekniku u esperti oħra dwar suġġetti ġenerali jew speċifiċi;

   (d) L-implimentazzjoni ta' proġetti u programmi kooperattivi li jista' jiddeċiedi dwarhom il-Kumitat Konġunt imsemmi fl-Artikolu 6, skond il-liġijiet u r-regolamenti rispettivi tal-Partijiet; u

   (e) Suriet oħra ta' attivitajiet fl-oqsma tax-xjenza u t-teknoloġija, li jista' jiddeċiedi dwarhom il-Kumitat Konġunt imsemmi fl-Artikolu 6, skond il-liġijiet u r-regolamenti rispettivi tal-Partijiet.

2. Għall-fini ta' l-iżvilupp ta' attivitajiet ta' kooperazzjoni indiretta, u suġġett għall-Annessi ma' dan il-Ftehim, kwalunkwe entità legali stabbilita fil-Korea jew fil-Komunità tista' tieħu sehem fi programmi jew proġetti ta' riċerka li toperahom il-Parti l-oħra u li jkunu miftuħa għall-entitajiet legali tagħha, skond il-liġijiet u r-regolamenti rispettivi tal-Partijiet.

Artikolu 4 – Il-Proċeduri ta' Implimentazzjoni

1. Il-Partijiet jistgħu jikkonkludu bejniethom l-implimentazzjoni ta' l-arranġamenti, li tistipula d-dettalji u l-proċeduri ta' l-attivitajiet ta' kooperazzjoni taħt dan il-Ftehim.

2. Kull Parti tista' tiddelega l-implimentazzjoni ta' attivitajiet ta' kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika tal-Partijiet lil istituzzjonijiet speċifiċi għall-implimentazzjoni diretta jew l-appoġġ ta' l-attivitajiet ta' kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn il-Partijiet.

3. Attivitajiet ta' kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika li ma jkunux imsejsa fuq ftehimiet speċifiċi li l-Partijiet ikunu inkoraġġewhom, żviluppawhom u ffaċilitawhom, u li jkunu nbdew iżda ma ntemmux sad-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, għandhom jiġu inkorporati f'dan il-Ftehim minn dik id-data.

Artikolu 5 – It-titjib tal-Kooperazzjoni

1. Kull Parti għandha tagħmel ħilitha biex lill-entitajiet legali li jkunu qed iwettqu attivitajiet ta' kooperazzjoni taħt dan il-Ftehim jagħtuhom il-faċilitajiet potenzjali kollha bil-għan li jiffaċilitaw ix-xogħol u ż-żjajjar tar-riċerkaturi li jkunu qed jieħdu sehem f'dawn l-attivitajiet ta' kooperazzjoni, flimkien mad-dħul fit-territorju tagħha u l-ħruġ minnu ta' materjali, *data* u tagħmir maħsub għall-użu f'dawn l-attivitajiet ta' kooperazzjoni.

2. F'dak li jirrigwarda l-attivitajiet ta' kooperazzjoni taħt dan il-Ftehim, il-Partijiet jistgħu jippermettu, jekk dan ikun f'loku u għal finijiet paċifiċi, il-parteċipazzjoni ta' riċerkaturi u organizzazzjonijiet mis-setturi kollha ta' l-istabbiliment ta' riċerka, inkluż is-settur privat.

Artikolu 6 – Il-Kumitat Konġunt

1. Il-koordinazzjoni u l-iffaċilitar ta' l-attivitajiet ta' kooperazzjoni taħt dan il-Ftehim għandhom isiru, f'isem il-Korea, mill-Ministeri tal-Korea li huma responsabbli għax-Xjenza u t-Teknoloġija, u f'isem il-Komunità, mis-servizzi tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (id-Direttorat Ġenerali għax-Xjenza, ir-Riċerka u l-Iżvilupp), li se jkunu qed jaġixxu bħala aġenti eżekuttivi.

2. Sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effikaċi ta' dan il-Ftehim, l-aġenti eżekuttivi għandhom jistabbilixxu Kumitat Konġunt dwar il-Kooperazzjoni Xjentifika u Teknoloġika (minn hawn 'il quddiem "il-Kumitat Konġunt"). Il-Kumitat Konġunt għandu jkun magħmul minn rappreżentanti uffiċjali ta' kull Parti, u jkun taħt il-presidenza konġunta ta' rappreżentanti taż-żewġ Partijiet. Il-Kumitat Konġunt għandu jistabbilixxi r-regoli ta' proċedura tiegħu bi qbil komuni.

3. Il-funzjonijiet tal-Kumitat Konġunt għandhom ikunu:

   (1) L-iskambju ta' fehmiet u tagħrif dwar kwistjonijiet tal-politika xjentifika u teknoloġika;

(2) Ir-reviżjoni u d-diskussjoni ta' l-attivitajiet u l-kisbiet tal-kooperazzjoni taħt dan il-Ftehim;

(3) Il-ħruġ ta' rakkomandazzjonijiet lill-Partijiet rigward l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim, li jistgħu jinkludu l-identifikazzjoni u l-proposta ta' l-attivitajiet ta' kooperazzjoni taħt dan il-Ftehim u l-inkoraġġiment ta' l-implimentazzjoni tagħhom;

(4) Il-provvista lill-Partijiet ta' rapport dwar l-istatus, il-kisbiet u l-effikaċja ta' l-attivitajiet ta' kooperazzjoni taħt dan il-Ftehim. Dan ir-rapport jintbagħat lill-Kumitat Konġunt bejn l-UE u l-Korea taħt il-Ftehim ta' Qafas għall-Kummerċ u l-Kooperazzjoni.

4. Id-Deċiżjonijiet tal-Kumitat Konġunt għandhom jintlaħqu bi qbil komuni.

5. L-ispejjeż tal-parteċipanti fil-laqgħat tal-Kumitat Konġunt, bħall-ispejjeż ta' l-ivvjaġġar u l-alloġġ, għandhom jitħallsu mill-Partijiet rispettivi. Kwalunkwe spiża oħra assoċjata ma' dawn il-laqgħat għandhom jitħallsu mill-Parti ospitanti.

6. Il-Kumitat Konġunt għandu jiltaqa' b'alternanza fil-Korea u fil-Komunità, fi żminijiet miftiehma bi qbil komuni, preferibbilment kull sena.

Artikolu 7 – Il-Finanzjament

1. L-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim għandha tkun suġġetta għad-disponibbiltà ta fondi approprjati u għal-liġijiet u r-regolamenti applikabbli ta' kull Parti.

2. L-ispejjeż ta' l-attivitajiet ta' kooperazzjoni taħt dan il-Ftehim għandhom jitħallsu skond ma jiġi deċiż bi qbil komuni.

3. Meta skemi speċifiċi ta' kooperazzjoni ta' Parti waħda jagħtu appoġġ finanzjarju lill-parteċipanti mill-Parti l-oħra, kwalunkwe għotja u kontribut finanzjajru jew ta' tip ieħor minn Parti waħda lill-parteċipanti tal-Parti l-oħra b'appoġġ għal dawk l-attivitajiet għandu jingħata eżenzjoni mit-taxxa u mid-dwana skond il-liġijiet u r-regolamenti rilevanti fis-seħħ fit-territorji ta' kull Parti, fiż-żmien li jsiru tali għotjiet u kontributi finanzjajri jew ta' tip ieħor.

Artikolu 8 – Id-Drittijiet ta' l-Informazzjoni u tal-Proprjetà Intellettwali

1. L-informazzjoni xjentifika u teknoloġika li ma tkun proprjetà ta' ħadd u li toħroġ minn attivitajiet ta' koooperazzjoni diretta tista' titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku min-naħa ta' kwalunkwe Parti, permezz tal-kanali abitwali u skond il-proċeduri ġenerali tagħha.

2. Id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali u d-drittijiet oħra tal-proprjetà li jinħolqu jew jiġu introdotti matul l-attivitajiet ta' koooperazzjoni taħt dan il-Ftehim għandhom jiġu ttrattati f'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' l-Anness II ma' dan il-Ftehim.

Artikolu 9 – L-Applikazzjoni Territorjali

Dan il-Ftehim għandu japplika, min-naħa l-waħda, għat-territorji li fihom japplika t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea u skond il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dak it-Trattat, u, min-naħa l-oħra, fit-Territorju tal-Korea. Dan ma għandux iżomm milli jsiru attivitajiet ta' kooperazzjoni fl-ibħra internazzjonali, fl-ispazju, jew fit-territorju ta' pajjiżi terzi, skond il-liġi internazzjonali.

Artikolu 10 – Ir-Riżoluzzjoni ta' Nuqqasijiet ta' Qbil

1. Id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim għandhom ikunu bla ħsara għad-drittijiet u l-obbligi ta' ftehimiet eżistenti u/jew futuri dwar il-kooperazzjoni bejn il-Partijiet jew bejn il-Gvernijiet ta' kwalunkwe Stat Membru tal-Komunità u l-Gvern tal-Korea.

2. Il-kwistjonijiet jew in-nuqqasijiet ta' qbil dwar l-interpretazzjoni jew l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim għandhom jiġu riżoluti permezz ta' konsultazzjoni bejn il-Partijiet.

Artikolu 11 – L-Annessi

L-Anness I (dwar it-termini u l-kundizzjonijiet tal-parteċipazzjoni) u II (dwar id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali) jikkostitwixxu parti integranti minn dan il-Ftehim.

Artikolu 12 – Id-Dħul fis-Seħħ u t-Terminazzjoni

1. Dan il-ftehim għandu jidħol fis-seħħ fid-data li fiha l-Partijiet jiskambjaw noti diplomatiċi li permezz tagħhom jgħarrfu lil xulxin bit-tlestija tal-proċeduri interni rispettivi tagħhom li jkunu meħtieġa għad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

2. Dan il-Ftehim għandu jibqa' fis-seħħ għal ħames snin, u jibqa' fis-seħħ wara dik id-data sakemm ma jiġix itterminat minn Parti jew l-oħra.

3. Fi tmiem il-perjodu inizjali ta' ħames snin, jew fi kwalunkwe waqt ieħor warajh, dan il-Ftehim jista' jiġi tterminat permezz ta' l-għoti lill-Parti l-oħra ta' notifika bil-miktub, talanqas sitt xhur minn qabel.

4. Kull Parti tista' tevalwa l-impatt u l-attivitajiet ta' dan il-Ftehim kull ħames snin. Kull Parti għandha tagħmel ħilitha kollha biex tiffaċilita l-evalwazzjoni li tkun qed issir mill-Parti l-oħra, u l-Parti li tagħmel l-evalwazzjoni għandha tgħarraf lill-Parti l-oħra bir-riżultati ta' l-evalwazzjoni.

5. Dan il-Ftehim jista' jiġi emendat bil-qbil komuni tal-Partijiet, permezz ta' l-iskambju ta' noti diplomatiċi. L-emendi għandhom jidħlu fis-seħħ bl-użu ta' l-istess proċedura msemmija fil-paragrafu 1, sakemm il-Partijiet ma jiftehmux mod ieħor.

6. It-terminazzjoni ta' dan il-Ftehim għandu jkun mingħajr ħsara la għall-attivitajiet ta' kooperazzjoni li jkunu nbdew taħt dan il-Ftehim u li ma jkunux waslu għal

tmiemhom fil-waqt tat-terminazzjoni ta' dan il-ftehim, u lanqas għal kwalunkwe dritt jew obbligu speċifiku li jkun qam f'konformità ma' l-Annessi tal-Ftehim.

B'XHIEDA TA' DAN, is-sottoskritti, bl-awtorizzazzjoni dovuta tal-Komunità Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika tal-Korea rispettivament, iffirmaw dan il-Ftehim.

MAGĦMUL f'żewġ kopji fi ....., dan il-..... jum ta' ..... 2005, bil-Korean, iċ-Ċek, id-Daniż, l-Estonu, il-Finlandiż, il-Franċiż, il-Ġermaniż, il-Grieg, l-Ingliż, l-Ispanjol, il-Latvjan, il-Litwan, il-Malti, l-Olandiż, il-Polakk, il-Portugiż, is-Slovakk, is-Sloven, it-Taljan, l-Ungeriż u l-Iżvediż, u kull test huwa ugwalment awtorevoli

GĦALL-KOMUNITÀ EWROPEA	GĦALL-GVERN TAR-REPUBBLIKA TAL-KOREA

ANNESS I

It-Termini u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni ta' l-entitajiet legali stabbiliti

fil-Komunità Ewropea u l-Korea

Fil-qafas ta' dan il-Ftehim, f'każ li Parti waħda tikkonkludi kuntratt ma' entità legali tal-Parti l-oħra għal attività ta' kooperazzjoni indiretta, il-Parti l-oħra, fuq talba, għandha tagħmel ħilitha biex tipprovdi kwalunkwe assistenza raġonevoli u fattibbli skond ma jkun meħtieġ jew ta' għajnuna lill-Parti ta' l-ewwel għall-implimentazzjoni tajba ta' kuntratt ta' dan it-tip.

1. IT-TERMINI U L-KUNDIZZJONIJIET GĦALL-PARTEĊIPAZZJONI TA' ENTITAJIET LEGALI STABBILITI FIL-KOREA F'ATTVITAJIET TA' KOOPERAZZJONI INDIRETTA TAĦT IL-PROGRAMM TA' QAFAS GĦAR-RIĊERKA TAL-KOMUNITÀ (MINN HAWN 'IL QUDDIEM "IL-PROGRAMM TA' QAFAS")

(a) Entitajiet legali stabbiliti fil-Korea jistgħu jieħdu sehem f'attivitajiet ta' kooperazzjoni indiretta taħt il-Programm ta' Qafas tal-Komunità Ewropea għar-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u l-attivitajiet ta' dimostrazzjoni, soġġetti għall-kundizzjonjiet u l-limitazzjonijiet stipulati fir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward ir-regoli għall-parteċipazzjoni ta' impriżi, ċentri tar-riċerka u universitajiet u għat-tixrid tar-riżultati tar-riċerka għall-implimentazzjoni tal-programm ta' qafas tal-Komunità Ewropea.

(b) Mingħajr ħsara għall-paragrafu (a), il-parteċipazzjoni ta' entitajiet legali stabbiliti fil-Korea f'attivitajiet ta' kooperazzjoni indiretta taħt il-Programmi ta' Qafas għandha sseħħ f'konformità mar-Regoli.

2. IT-TERMINI U L-KUNDIZZJONIJIET GĦALL-PARTEĊIPAZZJONI TA' ENTITAJIET LEGALI STABBILITI FIL-KOMUNITÀ EWROPEA FI PROGRAMMI U PROĠETTI TAL-KOREA

(a) Entitajiet legali stabbiliti fil-Komunità jistgħu jieħdu sehem fil-proġetti jew il-programmi tar-riċerka u l-iżvilupp iffinanzjati mill-Gvern tal-Korea.

(b) Entitajiet legali stabbiliti fil-Komunità għandhom jieħdu sehem fil-proġetti jew il-programmi Koreani tar-riċerka u l-iżvilupp skond il-liġijiet u r-regolamenti rilevanti tal-Korea, u r-regoli rilevanti dwar il-parteċipazzjoni fi proġetti u programmi ta' dan it-tip.

ANNESS II

Il_Prinċipji dwar l-allokazzjoni ta' drittijiet tal-propjetà intellettwali

1. DEFINIZZJONI

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, "il-proprjetà intellettwali" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija fl-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni li tistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Proprjetà Intellettwali, magħmula fi Stokkolma fl-14 ta' Lulju 1967.

2. ID-DRITTIJIET TAL-PROPRJETÀ INTELLETTWALI TAL-PARTIJIET FL-ATTIVITAJIET TA' KOOPERAZZJONI DIRETTA

(a) Sakemm il-Partijiet ma jiftehmux speċifikament mod ieħor, ir-regoli li ġejjin għandhom japplikaw għad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, ħlief għad-drittijiet ta' l-awtur u drittijiet relatati, iġġenerati mill-Partijiet waqt attivitajiet ta' koooperazzjoni diretta li jsiru taħt l-Artikolu 3.1 ta' dan il-Ftehim:

1) Il-pussess sħiħ għandu jkun f'idejn il-Parti li tkun iġġenerat il-proprjetà intellettwali. Jekk il-proprjetà intellettwali tkun ġiet iġġenerata mill-Partijiet flimkien, u s-sehem rispettiv ta' xogħol iż-żewġ Partijiet ma jkunx jista' jiġi ddeterminat, il-Partijiet għandu jkollhom pussess konġunt tal-proprjetà intellettwali;

2) Il-Parti li jkollha pussess tal-proprjetà intellettwali għandha tagħti lill-Parti l-oħra d-drittijiet ta' l-aċċess għat-twettiq ta' kwalunkwe attività ta' kooperazzjoni diretta. Dawn id-drittijiet ta' l-aċċess għandhom jingħataw mingħajr l-obligu tal-ħlas ta' *royalties*.

(b) Sakemm il-Partijiet ma jiftehmux speċifikament mod ieħor, ir-regoli li ġejjin għandhom japplikaw għad-drittijiet ta' l-awtur u d-drittijiet relatati tal-Partijiet

1) Meta Parti tippubblika *data*, informazzjoni jew riżultati xjentifiċi u tekniċi permezz ta' rivisti, artikli, rapporti, kotba jew f'suriet oħra, inklużi l-vidjo u s-softwer, li joħroġu minn jew għandhom x'jaqsmu ma' attivitajiet ta' kooperazzjoni taħt dan il-Ftehim, il-Parti kkonċernata għandha tagħmel ħilitha kollha biex, għall-Parti l-oħra, tikseb liċenzji mhux esklussivi, irrevokabbli u ħielsa mill-ħlas ta' *royalties* fil-pajjiżi kollha fejn tkun disponibbli l-protezzjoni tad-drittijiet ta' l-awtur, sabiex it-tali xogħlijiet ikunu jistgħu jiġu tradotti, riprodotti, adattati, trażmessi u mxerrda fost il-pubbliku;

2) Kull kopja ta' xogħlijiet taħt id-dritt ta' l-awtur li jkunu xxerrdu fost il-pubbliku skond id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (b)-1) għandha tindika l-isem/ismijiet ta' l-awtur(i) tax-xogħol, sakemm l-awtur(i) espressament jirrifjuta(w) li jissemma/ew. Għandha wkoll iġġib fid-dieher rikonoxximent viżibbli ċar ta' l-appoġġ kooperattiv taż-żewġ Partijiet.

(c) Sakemm il-Partijiet ma jiftehmux speċifikament mod ieħor, ir-regoli li ġejjin għandhom japplikaw għall-informazzjoni miżmuma tal-Partijiet:

1) Meta tkun qed jikkomunika lill-Parti l-oħra dwar l-informazzjoni meħtieġa biex isiru attivitajiet ta' kooperazzjoni diretta, kull Parti għandha tidentifika l-informazzjoni li tkun tixtieqha tibqa' miżmuma;

2) Il-Parti li tirċievi l-informazzjoni tista', fuq ir-responsabbiltà tagħha, tikkomunika informazzjoni miżmuma lill-aġenziji tagħha jew lil persuni impjegati permezz ta' dawn l-aġenziji għall-għan speċifiku ta' l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim.

3) Bil-qbil minn qabel u bil-miktub tal-Parti li tkun qed tipprovdi l-informazzjoni miżmuma, il-Parti l-oħra tista' xxerred it-tali informazzjoni miżmuma b'mod usa' minn dak li jippermettih il-paragrafu (c)-2). Il-Partijiet għandhom jikkooperaw ma' xulxin fl-iżvilupp ta' proċeduri biex jintalab u jinkiseb il-qbil bil-quddiem u bil-miktub għal tixrid usa' ta' dan it-tip, u kull Parti għandha tagħti din l-approvazzjoni sa ma jippermettu l-liġijiet u r-regolamenti tagħha;

4) Informazzjoni li toħroġ minn seminars, laqgħat, assenjazzjonjiet ta' ħidma għall-istaff u l-użu tal-faċilitajiet li dwarhom jirranġa dan il-Ftehim għandha tibqa' kunfidenzjali meta, fil-waqt li ssir il-komunikazzjoni, dak li jirċievi l-informazzjoni jintalab minn min jipprovdiha biex jipproteġi l-karattru kunfidenzjali jew privileġġat tagħha, skond il-paragrafu (c)-1);

5) Jekk Parti ssir konxja li sejra ssir, jew tista' raġonevolment tistenna li ssir, mhux fil-qagħda li tissodisfa r-restrizzjonjiet u l-kundizzjonijiet tat-tixrid mogħtija fl-Artikolu 2 (c), għandha minnufih tgħarraf b'dan lill-Parti l-oħra. Sussegwentement, il-Partijiet għandhom jikkonsultaw biex jiddefinixxu l-passi li għandhom jieħdu.

3. ID-DRITTIJIET TAL-PROPRJETÀ INTELLETTWALI TA' ENTITAJIET LEGALI TAL-PARTIJIET F'ATTIVITAJIET TA' KOOPERAZZJONI INDIRETTA

(a) Kull Parti għandha tiżgura li d-drittijiet tal-proprjetà intellettwali ta' entitajiet legali ta' Parti li tkun qed tieħu sehem fil-programmi tar-riċerka u l-iżvilupp operati mill-Parti l-oħra, u d-drittijiet u l-obbligi relatati li joħorġu minn din il-parteċipazzjoni, għandhom ikunu konsistenti mal-liġijiet u r-regolamenti u l-konvenzjonijiet internazzjonali rilevanti, inkluż il-Ftehim dwar l-Aspetti, relatati mal-Kummerċ, tad-Drittijiet tal-Proprjetà Intellettwali, l-Anness 1C tal-Ftehim ta' Marrakexx li Jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, kif ukoll l-Att ta' Pariġi ta' l-24 ta' Lulju 1971 tal-Konvenzjoni ta' Berna għall-Protezzjoni tax-Xogħlijiet Letterarji u Artistiċi u l-Att ta' Stokkolma ta' l-14 ta' Lulju 1967 tal-Konvenzjoni ta' Pariġi għall-Protezzjoni tal-Proprjetà Industrijali.

(b) Kull Parti għandha tiżgura li, skond il-liġijiet u r-regolamenti applikabbli tagħha, l-entitajiet legali ta' Parti li tkun qed tieħu sehem fil-programmi tar-riċerka u l-iżvilupp operati mill-Parti l-oħra jkollhom l-istess drittijiet u obbligi rigward il-proprjetà intellettwali bħal dawk li jkollhom l-entitajiet legali tal-Parti l-oħra, fl-istess attività ta' kooperazzjoni indiretta.

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. ISEM IL-PROPOSTA:

Abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kummissjoni rigward l-approvazzjoni u l-iffirmar tal-Ftehim dwar il-Kooperazzjoni Xjentifika u Teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Korea.

2. IL-QAFAS ABM / ABB

Strateġija u koordinament tal-politika partikolarment tad-Direttorati Ġenerali RTD, JRC, ENTR, INFSO, u TREN.

3. IL-LINJI TAL-BAĠIT

3.1. Il-linji tal-baġit (linji operattivi u linji relatati ta' għajnuna teknika u amministrattiva (eks-linji B.A)) inklużi l-intestaturi:

Spejjeż konnessi ma' l-implimentazzjoni tal-Ftehim (laqgħat ta' ħidma, seminars, laqgħat), sejrin jiġu ddebitati għal-linji tal-baġit għall-programmi speċifiċi tal-Programm ta' Qafas tal-Komunità Ewropea (XX.01.05.03).

3.2. It-tul ta' zmien ta' l-azzjoni u ta' l-impatt finanzjarju:

Mid-data li fiha l-Partijiet jiskambjaw noti diplomatiċi li permezz tagħhom jgħarrfu lil xulxin bit-tlestija tal-proċeduri interni rispettivi tagħhom li jkunu meħtieġa għad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, għal tul inizjali ta' ħames snin, u jiġġedded impliċitament, kif stipulat fl-Artikolu 12 tal-Ftehim.

3.3. Il-karatteristiċi baġitarji (*żid ir-ringieli skond il-bżonn*):

Il-linja tal-baġit	**It-tip ta' nefqa**		**Ġdid**	**Kontribuzzjoni ta' l-EFTA**	**Il-kontribuzzjonijiet mill-pajjiżi applikanti**	**L-intestatura fil-perspettiva finanzjarja**
xx01.05.03	Mhux obblig.	Mhux diff. [5]	LE	LE	IVA	**Nru** 3

[5] Approprjazzjonijiet mhux differenzjati minn issa 'l quddiem msejjħa AMD

4. SINTEŻI TAR-RIŻORSI

4.1. Riżorsi Finanzjarji

4.1.1. Sommarju ta' l-approprjazzjonijiet għall-impenji (AI) u ta' l-approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet (AĦ)

EUR miljuni (sa tliet ċifri deċimali)

It-tip ta' Nfiq	Sez-zjoni nru.		2006	2007	2008	2009	2010	.	Total
Infiq Operattiv[6]									
Approprjazzjonijiet ta' Impenn (AI)	8.1	a	0						0
Approprjazzjonijiet ta' Ħlas (AĦ)		b	0						0
Infiq amministrattiv fi ħdan l-ammont ta' referenza[7]									
Assistenza Teknika u Amministrattiva (NDA)	8.2.4	c	0.015	0.015	0.015	0.015	0.015		0.075
AMMONT TOTALI TA' REFERENZA									
Approprjazzjonijiet ta' Impenn		**a+c**	0.015	0.015	0.015	0.015	0.015		0.075
Approprjazzjonijiet ta' Ħlas		**b+c**	0.015	0.015	0.015	0.015	0.015		0.075
Administrative expenditure <u>not</u> included in reference amount[8]									
Riżorsi umani u spejjeż assoċjati (NDA)	8.2.5	d	0						0

6 Infiq li ma jaqax taħt il-Kapitolu xx 01 tat-Titolu xx ikkonċernat.
7 Infiq fi ħdan l-Artikolu xx 01 05 tat-Titolu xx.
8 Expenditure within Chapter xx 01 other than Articles xx 01 04 or xx 01 05.

Spejjeż amministrattivi, għajr ir-riżorsi umani u spejjeż assoċjati, mhux inklużi fl-ammont ta' referenza (NDA)	8.2.6	e	0						0

L-ispiża finanzjarja totali indikattiva ta' l-intervent

TOTAL AI inkluża l-ispiża tar-Riżorsi Umani		a+c +d+ e	0.015	0.015	0.015	0.015	0.015		0.075
TOTAL AĦ inkluża l-ispiża tar-Riżorsi Umani		b+c +d+ e	0.015	0.015	0.015	0.015	0.015		0.075

Dettalji ta' kofinanzjament

Jekk il-proposta tinvolvi kofinanzjament mill-Istati Membri, jew entitajiet oħra (jekk jogħġbok speċifika liema) stima tal-livell ta' dan il-kofinanzjament għandu jiġi indikat fit-tabella hawn taħt (ringieli oħra jistgħu jiġu miżjuda jekk huma previsti entitajiet differenti għad-dispożizzjoni tal-kofinanzjament).

EUR miljuni (sa 3 ċifri deċimali)

Il-Korp tal-kofinanzjament		Sena	n + 1	n + 2	n + 3	n + 4	n+5 u wara	Total
……	f							
TOTAL AI inkluż il-kofinanzjament	a+c+d +e+f							

4.1.2. Kompatibbiltà mal-Programm Finanzjarju

x Il-proposta hija kompatibbli ma' l-ipprogrammar finanzjarju eżistenti.

☐ Il-proposta sejra tinvolvi l-ipprogrammar mill-ġdid ta' l-intestatura rilevanti fil-perspettiva finanzjarja.

☐ Il-proposta tista' teħtieġ l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim Interistituzzjonali[9] (i.e. strument ta' flessibilità jew reviżjoni tal-perspettiva finanzjarja).

4.1.3. Impatt finanzjarju fuq id-Dħul

x Il-proposta ma għandhiex implikazzjonijiet finanzjarji fuq id-dħul

[9] Ara l-punti 19 u 24 tal-Ftehim Interistituzzjonali.

☐ Il-Proposta għandha impatt finanzjarji – l-effett fuq id-dħul hu kif ġej:

Nota: Id-dettalji u l-osservazzjonijiet kollha li għandhom x'jaqsmu mal-metodu ta' kalkolu ta' l-effett fuq id-dħul għandu jidher f'anness separat.

EUR miljuni (sa ċifra deċimali waħda)

		Qabel l-azzjoni [Sena n-1]	Il-qagħda wara l-azzjoni					
Il-linja tal-baġit	Id-dħul		2006	[n+1]	[n+2]	[n+3]	[n+4]	[n+5][10]
603.1	*a) Id-dħul f'termini assoluti*	0						
	b) Il-bidla fid-dħul	Δ						

(Jekk jogħġbok speċifika kull linja tal-baġit involuta ta' dħul, billi żżid in-numru xieraq ta' ringieli fit-tabella jekk hemm effett fuq aktar minn linja tal-baġit waħda.)

4.2. Ir-Riżorsi Umani FTE (inkluż l-istaff uffiċjali, temporanju u estern) - ara d-dettall taħt il-punt 8.2.1.

Ir-rekwiżiti annwali	2006					
L-għadd totali tar-riżorsi umani						

5. IL-KARATTERISTIĊI U L-GĦANIJIET

Jeħtieġ li dettalji tal-kuntest tal-proposta jingħataw fil-Memorandum ta' Spjegazzjoni. Din it-taqsima tad-Dikjarazzjoni Leġiżlattiva Finanzjarja għandha tinkludi t-tagħrif komplementari speċifiku li ġej:

5.1. Il-ħtieġa li għandha tintlaħaq f'qasir żmien jew fit-tul:

Din id-Deċiżjoni sejra tippermetti liż-żewġ Partijiet li jtejbu u jsaħħu l-kooperazzjoni tagħhom f'oqsma xjentifiċi u teknoloġiċi ta' interess komuni.

5.2. Il-valur miżjud ta' l-involviment tal-Komunità u l-koerenza tal-proposta ma' strumenti finanzjarji oħra u s-sinerġija possibbli:

Il-Ftehim huwa msejjes fuq il-prinċipji tal-benefiċċju reċiproku, l-opportunitajiet reċiproċi ta' aċċess għall-programmi u l-attivitajiet ta' xulxin li jkunu rilevanti għall-għan tal-Ftehim, il-ħelsien mid-diskriminazzjoni, il-protezzjoni effettiva tal-proprjetà intellettwali u l-qsim ekwu

[10] Additional columns should be added if necessary i.e. if the duration of the action exceeds 6 years.

tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali. Il-proposta hija konformi wkoll ma' l-infiq amministrattiv li għalih tħallas il-Komunità, li jipprovdi għal missjonjiet min-naħa ta' esperti u uffiċjali ta' l-UE, kif ukoll għal laqgħat ta' ħidma, seminars u laqgħat li għandhom jiġu organizzati fil-Komunità Ewropea u l-Korea.

5.3. L-għanijiet, ir-riżultati mistennija u l-indikaturi relatati tal-proposta fil-kuntest tal-qafas ABM:

Din id-Deċiżjoni għandha tippermetti sew lill-Korea kif ukoll lill-Komunità Ewropea jieħdu benefiċċju reċiproku mill-progress xjentifiku u teknoloġiku li jintlaħaq mill-programmi speċifiċi ta' riċerka tagħhom. Sejjer jippermetti li jkun hemm skambju ta' għarfien speċifiku u trasferiment ta' teknika, għall-ġid tal-komunità xjentifika, l-industrija u ċ-ċittadini.

5.4. Il-Metodi ta' Implimentazzjoni (indikattivi)

Uri hawn taħt il-metodu/i[11] magħżul(a) għall-implimentazzjoni ta' l-azzjoni.

X ***Ġestjoni Ċentralizzata***

X Direttament mill-Kummissjoni

☐ Indirettament b'delega lil:

☐ Aġenziji Eżekuttivi

☐ Korpi mwaqqfa mill-Komunitajiet hekk kif jissemma fl-Artikolu 185 tar-Regolament Finanzjarju

☐ Korp(i) nazzjonali tas-settur pubbliku b'missjoni ta' servizz pubbliku.

☐ ***Ġestjoni konġunta jew deċentralizzata***

☐ Ma' Stati Membri

☐ Ma' pajjiżi terzi

☐ ***Ġestjoni konġunta ma' organizzazzjonijiet internazzjonali (jekk jogħġbok speċifika liema)***

Kummenti rilevanti:

6. IL-MONITORAĠĠ U L-EVALWAZZJONI

6.1. Is-sistema ta' monitoraġġ

Id-dipartimenti tal-Kummissjoni sejrin jevalwaw, regolarment, l-azzjonijiet kollha mwettqa taħt il-ftehim ta' kooperazzjoni, li se jkunu wkoll soġġetti għall-evalwazzjoni konġunta regolari min-naħa tal-Komunità u l-Korea. Din l-evalwazzjoni sejra tkopri:

---

[11] Jekk jiġi indikat aktar minn metodu wieħed, jekk jogħġbok agħti dettalji addizzjonali fit-taqsima "Kummenti rilevanti" ta' dan il-punt.

(a) Indikaturi ta' prestazzjoni

- l-għadd ta' missjonjiet u laqgħat;

- l-għadd ta' oqsma differenti ta' attivitajiet ta' kooperazzjoni.

(b) Il-ġbir ta' l-informazzjoni:

Abbażi ta' l-informazzjoni mill-programmi speċifiċi tal-Programm ta' Qafas u l-informazzjoni mogħtija mill-Korea lill-Kumitat Konġunt li dwaru jipprovdi l-Ftehim.

(c) Evalwazzjoni globali:

Il-Kummissjoni sejra tevalwa l-azzjonijiet koperti minn din il-parteċipazzjoni qabel tmiem l-ewwel ħames snin ta' l-implimentazzjoni.

6.2. L-Evalwazzjoni

Il-Kummissjoni sejra tevalwa l-azzjonijiet koperti minn dan il-ftehim ta' kooperazzjoni qabel tmiem l-ewwel ħames snin ta' l-implimentazzjoni.

6.3. It-termini u l-frekwenza ta' l-evalwazzjoni fil-ġejjieni

Il-Partijiet fil-Ftehim sejrin jevalwaw l-applikazzjoni tiegħu kull sena, fil-laqgħat tal-Kumitat Konġunt tar-Riċerka li jissemma fl-Artikolu 6 tiegħu. It-tiġdid ta' dan il-Ftehim sejjer jitressaq għall-valutazzjoni ta' kull waħda mill-Partijiet, li sejra tinkludi studju ta' l-impatt li jiġi fdat f'idejn esperti indipendenti.

7. MIŻURI KONTRA L-FRODI

Meta l-implimentazzjoni tal-Programm ta' Qafas titlob l-użu ta' kuntratturi esterni jew tinvolvi l-għoti ta' kontributi finanzjarji lil partijiet terzi, il-Kummissjoni twettaq verifiki finanzjarji, fejn ikunu f'lokhom, partikolarment jekk ikollha fuqhiex tiddubita n-natura realistika tax-xogħol li jkun sar jew ġie deskritt fir-rapporti ta' l-attività.

Il-verifiki finanzjarji tal-Komunità jsiru mill-istaff tagħha jew minn esperti fil-kontabilità approvati skond il-liġi tal-parti li dwarha qed issir il-verifika. Il-Komunità tagħżel lil dawn ta' l-aħħar mingħajr restrizzjoni, filwaqt li tevita l-konflitti fl-interess li jistgħu jiġu indikati lilha mill-parti li tkun soġġetta għall-verifika.

Barra minn hekk, fit-twettiq ta' l-attivitajiet ta' riċerka, il-Kummissjoni tiżgura li l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej ikunu protetti permezz ta' kontrolli effikaċi u, fil-każ ta' l-irregolaritajiet osservati, permezz ta' miżuri u penalitajiet li jkunu ta' deterrent u proporzjonati.

Sabiex jintlaħaq dan il-għan, ir-regoli dwar kontrolli, miżuri u penalitajiet, b'referenzi għar-Regolamenti Nri 2988/95, 02185/2185 u 1073/99 għandhom jiġu adottati fil-kuntrati kollha li jintużaw fl-implimentazzjoni tal-Programm ta' Qafas.

B'mod partikolari, il-kuntratti jeħtiġilhom jagħmlu provvediment għall-punti li ġejjin:

l-introduzzjoni ta' klawżoli kuntrattwali speċifiċi biex jipproteġu l-interessi finanzjarji tal-KE fit-twettiq tal-kontrolli f'relazzjoni max-xogħol li jkun sar;

il-parteċipazzjoni ta' spetturi amministrattivi fil-qasam tal-ġlieda kontra l-frodi, skond ir-Regolamenti Nri 2185/96 u 1073/99;

l-applikazzjoni ta' penalitajiet amministrattivi għal kull irregolarità, sew intenzjonali kif ukoll ta' negliġenza, fl-implimentazzjoni tal-kuntratti, skond ir-Regolament ta' Qafas Nru 2988/95, inkluż mekkaniżmu għar-reġistrazzjoni f'listi suwed;

il-fatt li ordnijiet possibbli ta' rkupru fil-każ ta' irregolaritajiet u frodi għandhom ikunu infurzabbli skond l-Artikolu 256 tat-Trattat tal-KE.

Barra minn hekk u bħala miżuri ta' rutina, l-istaff responsabbli fid-DĠ tar-Riċerka sejjer iwettaq programm ta' kontroll rigward l-aspetti xjentifiċi u baġitarji. Spezzjonijiet fil-post jitwettqu mill-Qorti Ewropea ta' l-Awdituri.

8. DETTALJI TAR-RIŻORSI

8.1. L-għanijiet tal-proposta f'termini ta' l-ispiża finanzjarja tagħhom: NA

Approprjazzjonijiet għall-impenn f'EUR miljuni (sa tliet ċifri deċimali)

(L-intestaturi ta' Għanijiet, azzjonijiet u riżultati għandhom jiġu pprovduti)	**Tip ta' riżultati**	**Spiża medja**	**Sena n**		**Sena n+1**		**Sena n+2**		**Sena n+3**		**Sena n+4**		**Sena n+5 u wara**		**TOTAL**	
			Għadd ta' riżultati	Spiża totali	Għadd ta' riżultati	Spiża totali	Għadd ta' riżultati	Spiża totali	Għadd ta' riżultati	Spiża totali	Għadd ta' riżultati	Spiża totali	Għadd ta' riżultati	Spiża totali	Għadd ta' riżultati	Spiża totali
L-GĦAN OPERATTIV Nru.1[12]																
Azzjoni I.....																
- Riżultat 1																
- Riżultat 2																
Azzjoni 2.....																
- Riżultat 1																
Sub-total :Għan 1																
L-GĦAN OPERATTIV Nru.2																
Azzjoni 1.....																
- Riżultat 1																
Subtotal :Għan 2																
GĦAN OPERATTIV Nru n																
Subtotal :Għan n																
SPIŻA TOTALI																

[12] Kif deskritt fis-Sezzjoni 5.3.

8.2. Infiq amministrattiv

8.2.1. L-għadd u t-tip ta' riżorsi umani

Tipi ta' kariga		Staff li għandu jiġi assenjat għall-ġestjoni ta' l-azzjoni bl-użu ta' riżorsi eżistenti u/jew supplimentari (**l-għadd ta' karigi/FTEs**)					
		2006	Sena n+1	Sena n+2	Sena n+3	Sena n+4	Sena n+5
L-uffiċjali jew l-istaff temporanju[13] (XX 01 01)	A*/ AD	0					
	B*, C*/ AST						
Staff iffinanzjat[14] taħt l-Artikolu XX 01 02		0					
Staff ieħor iffinanzjat[15] mill-Artikolu XX 01 04/05		0					
TOTAL		0					

8.2.2. Deskrizzjoni tal-ħidmiet li jirriżultaw mill-azzjoni

Il-ġestjoni tal-Ftehim sejra tinvolvi missjonijiet u l-attendenza fil-laqgħat min-naħa ta' uffiċjali u esperti ta' l-UE u tal-Korea.

8.2.3. Is-sorsi tar-riżorsi umani (statutorji)

(Meta jingħata aktar minn sors wieħed, jekk jogħġbok indika l-għadd ta' karigi li joriġinaw minn kull wieħed minnhom)

X Karigi attwalment allokati lill-ġestjoni tal-programm li għandu jinbidel jew jiġi estiż

☐ Karigi allokati minn qabel fi ħdan l-eżerċizzju APS/PDB għas-sena n

☐ Karigi li għandhom jintalbu fil-proċedura APS/PDB li jmiss

☐ Karigi li għandhom jiġu organizzati mill-ġdid permezz tar-riżorsi eżistenti fi ħdan is-servizz ta' tmexxija (rijallokazzjoni interna)

☐ Karigi meħtieġa għas-sena n għalkemm mhumiex previsti fl-eżerċizzju APS/PDB għas-sena kkonċernata

---

13 L-ispiża għal dan MHIJIEX koperta mill-ammont ta' referenza.
14 L-ispiża għal dan MHIJIEX koperta mill-ammont ta' referenza.
15 Spiża li hija inkluża fl-ammont ta' referenza.

8.2.4. Infiq amministrattiv ieħor inkluż fis-somma ta' referenza
(XX 01 04/05 – Infiq fil-ġestjoni amministrattiva)

EUR miljuni (sa 3 ċifri deċimali)

Linja tal-baġit (numru u intestatura)	2006	Sena n+1	Sena n+2	Sena n+3	Sena n+4	Sena n+5 u wara	TOTAL
1. Assitenza teknika u amministrattiva (inklużi l-ispejjeż marbuta ma' l-istaff)							
Aġenziji eżekuttivi[16]							
Assistenza teknika u amministrattiva oħra	0.015	0.015	0.015	0.015	0.015		0.075
- intra muros							
- extra muros							
Assistenza teknika u amministrattiva totali	0.015	0.015	0.015	0.015	0.015		0.075

8.2.5. L-ispiża finanzjarja tar-riżorsi umani u l-ispejjeż assoċjati li mhumiex inklużi fl-ammont ta' referenza

EUR miljuni (sa 3 ċifri deċimali)

Tip ta' riżorsi umani	2006	Sena n+1	Sena n+2	Sena n+3	Sena n+4	Sena n+5 u wara
Uffiċjali u staff temporanju (XX 01 01)						
Staff iffinanzjat bl-Artikolu XX 01 02 (awżiljarji, END, staff kuntrattwali eċċ.) (speċifika l-linja tal-baġit)						
Spiża finanzjarja tar-Riżorsi Umani u spejjeż assoċjati (MHUX inklużi fl-ammont ta' referenza)						

[16] Għandha ssir riferenza għad-dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva speċifika għall-Aġenzija/i Eżekuttiva/i kkonċernata/i.

Kalkolu – ***Uffiċjali u Aġenti temporanji***
Għandha ssir referenza għall-Punt 8.2.1., jekk applikabbli

Kalkolu: ***-Staff iffinanzjat taħt l-Artikolu XX 01 02NA***
Għandha ssir referenza għall-Punt 8.2.1., jekk applikabbli

8.2.6. Infiq amministrattiv ieħor li mhuwiex inkluż fl-ammont ta' referenza

EUR miljuni (sa 3 ċifri deċimali)

	2006	Sena n+1	Sena n+2	Sena n+3	Sena n+4	Sena n+5 u wara	TOTAL
XX 01 02 11 01 – Missjonijiet	0.010	0.010	0.010	0.010	0.010		0.050
XX 01 02 11 02 – Laqgħat u Konferenzi	0.005	0.005	0.005	0.005	0.005		0.025
XX 01 02 11 03 – Kumitati[17]							
XX 01 02 11 04 – Studji u konsultazzjonijiet							
XX 01 02 11 05 –Sistemi ta' l-informatika							
2. Total ta' l-Infiq Ieħor ta' Ġestjoni (XX 01 02 11)							
3. Infiq ieħor ta' natura amministrattiva (speċifika billi tinkludi r-riferenza għal-linja tal-baġit)							
Infiq amministrattiv totali, għajr dak għar-riżorsi umani u spejjeż assoċjati (MHUX inklużi fl-ammont ta' referenza)	0.015	0.015	0.015	0.015	0.015		0.075

Kalkolu – ***Infiq amministrattiv ieħor li mhuwiex inkluż fl-ammont ta' referenza***

[17] Speċifika t-tip ta' kumitat u l-grupp li għalih jappartjeni.